**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 334/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Shawn Pawney)**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**Vs**

**Valdas Martinaitis sive Levan Mamardashvili**
**Kakhaber Lomtadze**

**Illum 23 ta' Awwissu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba fil-konfront ta' **Valdas Martinaitis**, bin Saulius u Mzia neè Mitkus, imwieled fis-16 ta' Mejju 1991 ġewwa l-Litwanja u detentur ta' dokument ta' l-Identità Litwena 13570877 sive **Levan Mamardashvili** mwieled fit-28 ta' Ġunju 1994 ġewwa l-Georgia, detetnur ta' Passaport Georgjan numru 16AB59289, maħruġ fit-30 ta' Ġunju 2017 u jiskadi fit-30 ta' Awwissu 2027, u fil-konfront ta' **Kakhaber Lomtadze**, bin Radzen u Neli neè Purtsranidedze, imwieled ġewwa Kutaisi, Georgia, fis-6 ta' Novembru 1977u detentur ta' dokument Pollakk numru RP 7581379, talli fl-1 ta' Ġunju 2019 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Waqt li kienu jafu jew kellhom kawża raġjonevoli li jissusspettaw dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali ta' l-għaqda stabbilita, ipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali ta' l-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ta' rekklutaġġ ta' membri ġodda;

2. Għamlu atti ta' *money laundering* billi:

[1] Fol. 1008 sa' 1012 tal-proċess.

- Ikkonvertew jew trasferew proprjetà meta kienu jafu jew jissusspettaw li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attività kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;
- Ħbew jew wrew ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta kienu jafu jew jissusspettaw li dik il-proprjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminalli jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
- Akkwistaw, ippussesaw jew użaw proprjetà meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
- Bir-ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta kienu jafu jew jissusspettaw li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
- Ittentaw jagħmlu l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;
- Aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' dawn fuq, ai termini ta' l-Artikolu 3 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-1 ta' Ġunju 2019, għall-ħabta tad-21:00hrs ġewwa residenza numru 5, "Arkidea", Triq Amebile Sisner, Fgura, u/jew ġewwa residenza "Virgo" li tinsab fi Vjal il-Kottoner, Fgura, u/jew ġewwa residenzi oħra fil-viċinanzi, bil-ħsieb li jwettqu delitt ta' serq, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom u li kieku seħħ kien ikun reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.27), bil-ħin u bil-lok għad-dannu ta' Anthony Mizzi u/jew ta' xi persuna/i oħra;

4. Nhar it-23 ta' Mejju 2019, bejn 09:00hrs u 12:30hrs, ġewwa Blokka A5, Appartament 7, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, ikkommettew serq ta' flus kontanti u ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Joanne O'Scanaill u/jew ta' xi persuni oħra;

5. Nhar it-23 ta' Mejju 2019, bejn 09:00hrs u 12:30hrs, ġewwa Blokka A5, Appartament 3, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, bil-ħsieb li jwettqu delitt ta' serq, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħhom u li kieku seħħ kien ikun reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li

jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok għad-dannu ta' Anita D'Amato u/jew ta' xi persuna/i oħra;

6. Nhar it-23 ta' Mejju 2019, bejn 09:00hrs u 12:30hrs, ġewwa Blokka A5, Appartament 12, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, bil-ħsieb li jwettqu delitt ta' serq, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħhom u li kieku seħħ kien ikun reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok għad-dannu ta' Vanessa Camilleri Tonna u/jew ta' xi persuna/i oħra;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Valdas Martinaitis waħdu**:

7. Fil-15 ta' Mejju 2019, għall-ħabta tan-12:30hrs ġewwa appartamenti Albizia Close, Triq Robert Farrugia Randon, Birkirkara, u/jew ġewwa residenzi oħra fil-viċinanzi, bil-ħsieb li jwettaq delitt ta' serq, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu u li kieku seħħ kien ikun reat ta' serq aggravat bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok għad-dannu ta' Brendan Tabone, Steve Bianchi u/jew ta' xi persuni oħra;

8. Nhar it-8 ta' Mejju 2019, għall-ħabta ta' 13:20hrs, ġewwa 4, Bella Vista, Triq il-Fossili, Birzebbugia, ikkommetta serq ta' flus kontanti w oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Joseph Pace u/jew ta' xi persuna/i oħra;

9. Nhar it-22 ta' Frar 2019, ġewwa 35, Russel Flats, Flat 2, Triq Santa Rita, Birzebbugia, ikkommetta serq ta' flus kontanti u ġojjellerija w oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, li sar għad-dannu ta' Lynn Beverly Munro u Alexander George Munro u/jew ta' xi persuna/i oħra;

10. Nhar il-21 ta' Frar 2019, ġewwa Maisonette number 2, Westgate Court, Triq F.M. Ferretti, Birzebbugia, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, li sar għad-dannu ta' Antoinette Cauchi;

11. Fit-30 ta' Mejju 2019, għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija ġewwa appartament numru 1, fond numru 75, imsemmi Marie Court fi Triq il-Gummar, Birkirkara, u/jew ġewwa residenzi oħra fil-viċinanzi, bil-ħsieb li jwettaq delitt ta' serq wera dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu w li kieku seħħ kien ikun reat ta' serq aggravat bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu ta' Chantelle Polidano u/jew ta' xi persuni oħra;

12. Nhar l-4 ta' April 2019, appartament numru 6, St. Mary's Flats, Flat 6, Wesgħa Dun Gużepp Caruana, Marsaxlokk, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Caroline Gafà u Denise Grange u/jew ta' xi persuna/i oħra;

13. Nhar it-30 ta' Marzu 2019, ġewwa appartament numru 1, Seashell Court, Triq l-Ixprunara, Triq il-Ġdida, Marsaxlokk, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Gordon u Donalie Camilleri u/jew ta' xi persuna/i oħra;

14. Nhar it-30 ta' Marzu 2019, ġewwa appartament numru 2, Seashell Court, Triq l-Ixprunara, Triq il-Ġdida, Marsaxlokk, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Maria Andrea Gafà u/jew ta' xi persuna/i oħra;

15. Ukoll talli f'dawn il-gżejjer biddel jew għamel xi tibdil f'passaport, karta ta' l-identità, jew permess ta' residenza jew uża jew kellu għandu passaport, karta ta' l-identità jew permess ta' residenza li huwa kien jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih;

16. Ukoll talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz;

17. Ukoll talli għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor iffalsifikat;

18. U aktar talli ffalsifika xi dokument jew kopja ta' dokument jew reġistrazzjoni magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi entrambe l-imputati wieġbu li ma humiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom[2];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2019, markati Dok. "SB1" sa' Dok. "SB6", fosthom l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 3(2A)(a) ta' l-Att kontra Money Laundering, Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' kull wieħed mill-imputati, a fol. 13 sa' 17 tal-proċess;

[2] Fol. 1018 u 1019 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Shaun Pawney mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Ġunju 2019[3] u tad-29 ta' Awwissu 2019[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "SP1" sa' Dok. "SP27" a fol. 59 sa' 155 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "SPX" u Dok. "SPY" a fol. 276 u 277 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Anthony Mizzi[5], Joanna O'Scanaill[6], Charlene Agius[7], Antoinette Cauchi[8], Vanessa Camilleri Tonna[9], Kieran O'Scanaill[10], Anita D'Amato[11] u ta' Steve Bianchi[12], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Ġunju 2019, u rat id-dokument esebit minn Anita D'Amato markati Dok. "AA" a fol. 182 u 183 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn Steve Bianchi markati Dok. "SB" u Dok. "SB1" a fol. 188 u 189 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Brandon Tabone[13], Joseph Aquilina[14] u ta' Lynn Monroe[15], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2019, semgħet ix-xhieda ta' Joseph Saliba[16], in rappreżentanza ta' Jobs Plus, u ta' l-Ispettur Saviour Baldacchino[17] mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2019 u rat id-dokumenti u sett ta' ritratti esebiti mill-Ispettur Saviour Baldacchino markati d-dokumenti Dok. "GV" u Dok. "GV1" a fol. 236 sa' 239 tal-proċess, u r-ritratti Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 240 sa' 243 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephen Cachia[18], in rappreżentanza ta' Transport Malta, PS430 Andrew St. John[19], Sergio Capitta[20], Joseph Micallef[21], Denise Grainge[22], Caroline Gafà[23], Chantelle Polidano[24] u Charmaine Zammit[25], in rappreżentanza ta' Vodafone Malta Limited, ilkoll mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Awwissu 2019, u rat id-dokument esebit minn Stephen Cachia markat Dok. "TM" a fol. 252 sa' 255 tal-proċess, id-dokumenti esebiti minn Sergio Capitta markati Dok. "SC1" sa' Dok. "SC5" a fol. 261 sa' 266 tal-proċess u d-dokument, ossia CD, esebit minn Charmaine Zammit markat Dok. "V" a fol. 285 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Paul Vassallo, in rappreżentanza ta' Fexserv Financial Services, mogħtija waqt is-seduti tat-3 ta' Ottubru 2019[26], tal-21 ta' Novembru 2019[27] u tat-18 ta' Settembru 2020[28] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "PV" u Dok. "PV1" a fol. 294 sa' 300 tal-proċess u Dok. "PV1" sa' Dok. "PV12" a fol. 392 sa' 403 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS 186 Kristian Mintoff[29] u ta' PC 844 Karl Micallef, ilkoll mogħtija waqt is-seduti

[3] Fol. 45 sa' 58 tal-proċess.
[4] Fol. 274 u 275 tal-proċess.
[5] Fol. 156 sa' 158 tal-proċess.
[6] Fol. 159 sa' 161 tal-proċess.
[7] Fol. 165 sa' 170 tal-proċess.
[8] Fol. 171 sa' 175 tal-proċess.
[9] Fol. 176 u 177 tal-proċess.
[10] Fol. 178 u 179 tal-proċess.
[11] Fol. 180 u 181 tal-proċess.
[12] Fol. 184 sa' 187 tal-proċess.
[13] Fol. 192 sa' 194 tal-proċess.
[14] Fol. 195 sa' 198 tal-proċess.
[15] Fol. 199 sa' 201 tal-proċess.
[16] Fol. 229 tal-proċess.
[17] Fol. 230 sa' 235 tal-proċess.
[18] Fol. 251 tal-proċess.
[19] Fol. 256 sa' 258 tal-proċess.
[20] Fol. 259 u 260 tal-proċess.
[21] Fol. 269 u 270 tal-proċess.
[22] Fol. 271 sa' 273 tal-proċess.
[23] Fol. 278 u 279 tal-proċess.
[24] Fol. 280 sa' 282 tal-proċess.
[25] Fol. 283 tal-proċess.
[26] Fol. 292 u 293 tal-proċess.
[27] Fol. 390 u 391 tal-proċess.
[28] Fol. 700 sa' 703 tal-proċess.
[29] Fol. 303 u 304 tal-proċess u fol. 417 u 418 tal-proċess.

tat-3 ta' Ottubru 2019 u ta' l-10 ta' Diċembru 2019, u rat ir-Relazzjonijiet ta' PS 186 Kristian Mintoff markati Dok. "KM" a fol. 305 sa' 346 tal-proċess u Dok. "KM" a fol. 419 sa' 475 tal-proċess u rat ir-Relazzjonijiet ta' PC 844 Karl Micallef markati Dok. "KM1" a fol. 350 sa' 359 tal-proċess u Dok. "CM" a fol. 478 sa' 493 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Adrian Vella mogħtija waqt is-seduti tad-29 ta' Awwissu 2019[30], tat-3 ta' Ottubru 2019[31] u tal-21 ta' Novembru 2019[32] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "AV" a fol. 410 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Emma Parnis mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2019 u rat it-traduzzjoni għall-lingwa Gorgiana ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati markata Dok. "EP" a fol. 385 sa' 389 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tal-Perit Richard Aquilina[33] u ta' Victor Fenech[34], entrambe mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2019 u semgħet ix-xhieda ta' Michael Grech[35], in rappreżentanza ta' R. Grech & Sons Ltd. u ta' l-Ispettur Paul Camilleri[36], entrambe mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Diċembru 2019 u rat ir-ritratti esebiti mill-Ispettur Paul Camilleri markati minn 1 sa' 5 a fol. 499 tal-proċess, smegħet ix-xhieda ta' Dr. Raisa Colombo[37], Dr. Noel Cutajar[38] u ta' Dr. Marisa Cassar[39] ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2020 u rat it-traskrizzjonijiet ta' l-istqarrijiet ta' l-imputati esebiti minn Dr. Raisa Colombo markati Dok. "RC" a fol. 507 sa' 547 tal-proċess, ir-Relazzjoni ta' Dr. Noel Cutajar markata Dok. "NC" a fol. 550 sa' 593 tal-proċess u r-Relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar markata Dok. "MC" a fol. 596 sa' 600 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS122 Arthur Borg[40], l-Ispettur Joseph Xerri[41], PC 396 Carl Attard[42], PC 1267 Adrian Polidano[43], PC 913 Neil Pace[44] u PC 837 Daniel Zammit[45], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2020 u rat ir-Relazzjoni ta' PS122 Arthur Borg markata Dok. "AB" a fol. 608 sa' 618, id-dokumenti esebiti minn PC 396 Carl Attard markati Dok. "KA" u Dok. "KA2" a fol. 624 sa' 628 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Trevor Micallef[46], David Bonnici[47], Gordon Camilleri[48] u ta' Maria Andrea Gafà[49], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2020 u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GS" sa' Dok. "GS4" a fol. 650 sa' 665 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' WPS 118 Jennifer Caruana[50], John Charles Ellul[51] u Karen Caligari[52], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru 2020 u rat ir-Relazzjoni ta' John Charles Ellul markata Dok. "JCE" a fol. 688 sa' 699 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS 1433

[30] Fol. 267 u 268 tal-proċess u fol. 476 u 477 tal-proċess.
[31] Fol. 360 u 361 tal-proċess.
[32] Fol. 409 tal-proċess.
[33] Fol. 404 u 405 tal-proċess.
[34] Fol. 406 sa' 408 tal-proċess.
[35] Fol. 494 sa' 496 tal-proċess.
[36] Fol. 497 u 498 tal-proċess.
[37] Fol. 505 u 506 tal-proċess.
[38] Fol. 548 u 549 tal-proċess.
[39] Fol. 594 u 595 tal-proċess.
[40] Fol. 606 u 607 tal-proċess.
[41] Fol. 619 u 620 tal-proċess.
[42] Fol. 621 sa' 623 tal-proċess.
[43] Fol. 629 u 630 tal-proċess.
[44] Fol. 631 u 632 tal-proċess.
[45] Fol. 633 u 634 tal-proċess.
[46] Fol. 638 u 639 tal-proċess.
[47] Fol. 640 u 641 tal-proċess.
[48] Fol. 642 sa' 649 tal-proċess.
[49] Fol. 666 u 667 tal-proċess.
[50] Fol. 684 u 685 tal-proċess.
[51] Fol. 686 u 687 tal-proċess.
[52] Fol. 704 u 705 tal-proċess.

James Saliba Lorenzo mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020[53] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JSL1" u Dok. "JSL2" a fol. 712 sa' 719 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Joseph Pace mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Ġunju 2019[54] u tat-8 ta' Ottubru 2020[55], semgħet ix-xhieda ta' Keith Cutajar mogħtija waqt is-seduti tat-3 ta' Ottubru 2019[56], ta' l-10 ta' Diċembru 2019[57], tas-26 ta' Novembru 2020[58] u tal-25 ta' Frar 2021[59] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "KC" a fol. 793 sa' 973 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' WPS 7 Theresa Farrugia[60], PC 40 Raymond Savona[61], PS 1042 Aaron Caruana[62] u Oriana Balzan, ilkoll mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2020 u rat id-dokument esebit minn WPS 7 Theresa Farrugia markat Dok. "TF" a fol. 737 sa' 751 tal-proċess u d-dokument esebit minn PS 1042 Aaron Caruana markat Dok. "AC" a fol. 757 sa' 766 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Warren Giordano mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2020[63] u x-xhieda ta' Paula Borg[64] u ta' Graziella Mintoff[65], entrambe in rappreżentanza ta' Franks Stores, u ta' Raymond Debono[66], in rappreżentanza ta' Jos. Debono Jewellers, ilkoll mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Jannar 2021, semgħet ix-xhieda ta' PS 1147 Antoine Fenech[67], ta' Donalee Camilleri[68], PS 3 Kevin Grima[69], PC 2011 Zenia Azzopardi[70] u ta' PC 1536 Mark Swain[71], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Mejju 2021 u rat id-dokument, ossia CD, esebit minn PS 1147 Antoine Fenech markat Dok. "AF" a fol. 987 tal-proċess u id-dokument esebit minn PS 3 Kevin Grima markat Dok. "KG" a fol. 993 sa' 995 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Kurt Ryan Farrugia[72] u ta' l-Avukat Dr. Lennox Vella[73] mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' April 2022 u rat it-traduzzjoni ghall-Malti tax-xhieda mogħtija minn Joanna O'Scanaill u Kieron O'Scanaill markata Dok. "LVX" a fol. 1052 sa' 1062 tal-proċess;

Rat l-atti tal-Procès-Verbal bin-Numru 624/19 a fol. 248 tal-proċess, l-atti tal-Procès-Verbal bin-Numru 394/19 a fol. 249 tal-proċess, l-atti tal-Procès-Verbal bin-Numru 646/19 a fol. 250 tal-proċess u l-atti tal-Procès-Verbal bin-Numru 712/19 a fol. 378 tal-proċess;

Rat il-Kontro-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 3(2A)(b)(ċ) ta' l-Att kontra Money Laundering, Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta datat 3 ta' Awwissu 2022[74] li bih bagħat liż-żewġ imputati sabiex jiġu pproċessati quddiem il-Qorti tal-

[53] Fol. 708 sa' 711 tal-proċess.
[54] Fol. 162 sa' 164 tal-proċess.
[55] Fol. 720 u 721 tal-proċess.
[56] Fol. 301 u 302 tal-proċess.
[57] Fol. 415 u 416 tal-proċess.
[58] Fol. 732 u 733 tal-proċess.
[59] Fol. 791 u 792 tal-proċess.
[60] Fol. 734 sa' 736 tal-proċess.
[61] Fol. 752 u 753 tal-proċess.
[62] Fol. 754 sa' 756 tal-proċess.
[63] Fol. 770 u 771 tal-proċess.
[64] Fol. 778 sa' 780 tal-proċess.
[65] Fol. 781 u 782 tal-proċess.
[66] Fol. 783 sa' 785 tal-proċess.
[67] Fol. 985 u 986 tal-proċess.
[68] Fol. 988 u 989 tal-proċess.
[69] Fol. 990 sa' 992 tal-proċess.
[70] Fol. 996 u 997 tal-proċess.
[71] Fol. 998 u 999 ta-proċess.
[72] Fol. 1048 u 1049 tal-proċess.
[73] Fol. 1050 u 1051 tal-proċess.
[74] Fol. 1070 u 1071 tal-proċess.

Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontrihom għall-ksur tal-provvedimenti ta' l-imsemmi Att u rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 3 ta' Awwissu 2022[75] li biha bagħat liż-żewġ imputati sabiex jiġu ġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-akkużi taħt dak li hemm maħsub:

Kontra **Valdas Martinaitis u Kakhaber Lomtadze flimkien**:

- Fl-Artikoli 83A(1)(b) u 83A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 261, 263, 264, 265, 267, 269, 270, 278(1), 278(2), 278(3), 279(a), 279(b), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 20, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 42, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Kontra **Valdas Martinaitis waħdu**:

- Fl-Artikoli 41(1)(a), 261, 267, 269, 279(b), 280(1) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 269, 278(1), 278(2), 278(3), 279(a), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 261, 263, 264, 265, 267, 269, 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 261, 263, 264, 265, 267, 269, 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 269, 278(1), 278(2), 278(3), 279(a), 280(1), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 269, 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 269, 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 17, 18, 20, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 42, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Awwissu 2022[76], il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha u iż-żewġ imputati ddikjaraw li ħadu konjizzjoni tal-Kontro-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali u li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja u inqraw l-Artikoli;

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

---

[75] *Ibid.*
[76] Fol. 1073 tal-proċess.

L-imputati Valdas Martinaitis sive Levan Mamardashvili u Kakhaber Lomtadze **flimkien** ġew akkużati talli fl-1 ta' Ġunju 2019 u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (**1**) Waqt li kienu jafu jew kellhom kawża raġjonevoli li jissusspettaw dwar l-għan jew l-attività b'mod ġenerali ta' l-għaqda stabbilita, ipparteċipaw b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali ta' l-għaqda, inklużi iżda mhux limitati għall-għoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ta' rrekklutaġġ ta' membri ġodda; (**2**) Għamlu atti ta' *money laundering* billi: (i) Ikkonvertew jew trasferew proprjetà meta kienu jafu jew jissusspettaw li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attività kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali; (ii) Ħbew jew wrew ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta kienu jafu jew jissusspettaw li dik il-proprjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminalli jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali; (iii) Akkwistaw, ippussesaw jew użaw proprjetà meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali; (iv) Bir-ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta kienu jafu jew jissusspettaw li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali; (v) Ittentaw jagħmlu l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija; (vi) Aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' dawn fuq, ai termini ta' l-Artikolu 3 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (**3**) Fl-1 ta' Ġunju 2019, għall-ħabta tad-21:00hrs ġewwa residenza numru 5, "Arkidea", Triq Amebile Sisner, Fgura, u/jew ġewwa residenza "Virgo" li tinsab fi Vjal il-Kottoner, Fgura, u/jew ġewwa residenzi oħra fil-viċinanzi, bil-ħsieb li jwettqu delitt ta' serq, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom u li kieku seħħ kien ikun reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disa' u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.27), bil-ħin u bil-lok għad-dannu ta' Anthony Mizzi u/jew ta' xi persuna/i oħra; (**4**) Nhar it-23 ta' Mejju 2019, bejn 09:00hrs u 12:30hrs, ġewwa Blokka A5, Appartament 7, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, ikkommettew serq ta' flus kontanti u ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Joanne O'Scanaill u/jew ta' xi persuni oħra; (**5**) Nhar it-23 ta' Mejju 2019, bejn 09:00hrs u 12:30hrs, ġewwa Blokka A5, Appartament 3, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, bil-ħsieb li jwettqu delitt ta' serq, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħhom u li kieku seħħ kien ikun reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok għad-dannu ta' Anita D'Amato u/jew ta' xi persuna/i oħra; (**6**) Nhar it-23 ta Mejju 2019, bejn 09:00hrs u 12:30hrs, ġewwa Blokka A5, Appartament 12, Triq Pietru

D'Armenia, Pembroke, bil-ħsieb li jwettqu delitt ta serq, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħhom u li kieku seħħ kien ikun reat ta serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok għad-dannu ta' Vanessa Camilleri Tonna u/jew ta xi persuna/i oħra.

L-imputat Valdas Martinaitis **waħdu** ġie akkużat talli: (**1**) Fil-15 ta' Mejju 2019, għall-ħabta tan-12:30hrs ġewwa appartamenti Albizia Close, Triq Robert Farrugia Randon, Birkirkara, u/jew ġewwa residenzi oħra fil-viċinanzi, bil-ħsieb li jwettaq delitt ta' serq, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu u li kieku seħħ kien ikun reat ta' serq aggravat bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-lok għad-dannu ta' Brendan Tabone, Steve Bianchi u/jew ta' xi persuni oħra; (**2**) Nhar it-8 ta' Mejju 2019, għall-ħabta ta' 13:20hrs, ġewwa 4, Bella Vista, Triq il-Fossili, Birzebbugia, ikkommetta serq ta' flus kontanti w oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Joseph Pace u/jew ta' xi persuna/i oħra; (**3**) Nhar it-22 ta' Frar 2019, ġewwa 35, Russel Flats, Flat 2, Triq Santa Rita, Birzebbugia, ikkommetta serq ta' flus kontanti u ġojjellerija w oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, li sar għad-dannu ta' Lynn Beverly Munro u Alexander George Munro u/jew ta' xi persuna/i oħra; (**4**) Nhar il-21 ta' Frar 2019, ġewwa Maisonette number 2, Westgate Court, Triq F.M. Ferretti, Birzebbugia, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, li sar għad-dannu ta' Antoinette Cauchi; (**5**) Fit-30 ta' Mejju 2019, għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija ġewwa appartament numru 1, fond numru 75, imsemmi Marie Court fi Triq il-Gummar, Birkirkara, u/jew ġewwa residenzi oħra fil-viċinanzi, bil-ħsieb li jwettaq delitt ta' serq wera dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu w li kieku seħħ kien ikun reat ta' serq aggravat bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu ta' Chantelle Polidano u/jew ta' xi persuni oħra; (**6**) Nhar l-4 ta' April 2019, appartament numru 6, St. Mary's Flats, Flat 6, Wesgha Dun Gużepp Caruana, Marsaxlokk, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Caroline Gafà u Denise Grange u/jew ta' xi persuna/i oħra; (7) Nhar it-30 ta' Marzu 2019, ġewwa appartament numru 1, Seashell Court, Triq l-Ixprunara, Triq il-Ġdida, Marsaxlokk, ikkommetta serq ta flus kontanti u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta Gordon u Donalie Camilleri u/jew ta' xi persuna/i oħra; (**8**) Nhar it-30 ta' Marzu 2019, ġewwa appartament numru 2, Seashell Court, Triq l-Ixprunara, Triq il-Ġdida, Marsaxlokk, ikkommetta serq ta flus kontanti u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-

mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta Maria Andrea Gafà u/jew ta' xi persuna/i oħra; (**9**) Ukoll talli f'dawn il-gżejjer biddel jew għamel xi tibdil f'passaport, karta ta' l-identità, jew permess ta' residenza jew uża jew kellu għandu passaport, karta ta' l-identità jew permess ta' residenza li huwa kien jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih; (**10**) Ukoll talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz; (**11**) Ukoll talli għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor iffalsifikat; (**12**) U aktar talli ffalsifika xi dokument jew kopja ta' dokument jew reġistrazzjoni magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Kontro-Ordni maħruġ fit-3 ta' Awwissu 2022 ai termini ta' l-Artikolu 3(2A)(b)(ċ) tal-Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta[77], l-Avukat Ġenerali ordna li ż-żewġ imputati jiġu pproċessati quddiem din il-Qorti fuq l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom għall-ksur tal-provvedimenti ta' l-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju wkoll datata 3 ta' Awwissu 2022[78], l-Avukat Ġenerali bagħat liż-żewġ imputati sabiex jiġu iġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-akkużi taħt dak li hemm maħsub:

Kontra **Valdas Martinaitis u Kakhaber Lomtadze flimkien**:

- Fl-Artikoli 83A(1)(b) u 83A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 261, 263, 264, 265, 267, 269, 270, 278(1), 278(2), 278(3), 279(a), 279(b), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 20, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 42, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kontra **Valdas Martinaitis waħdu**:

- Fl-Artikoli 41(1)(a), 261, 267, 269, 279(b), 280(1) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 269, 278(1), 278(2), 278(3), 279(a), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 261, 263, 264, 265, 267, 269, 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 41(1)(a), 261, 263, 264, 265, 267, 269, 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 269, 278(1), 278(2), 278(3), 279(a), 280(1), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[77] Fol. 1070 u 1071 tal-proċess.
[78] *Ibid.*

- Fl-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 269, 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261, 263, 264, 265, 267, 269, 278(1), 278(2), 278(3), 279(b), 280(1), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 17, 18, 20, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 42, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputati ddikjaraw li ħadu konjizzjoni tal-Kontro-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali u iddikjaraw ukoll li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja u wara li nqraw l-Artikoli, entrambe l-imputati wieġbu li huma ħatja tar-reati deodtti fil-konfront tagħhom kemm bis-sahha tal-Kontro-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 3(2A)(b)(c) tal-Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll bis-saħħa tan-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali, entrambe datati 3 ta' Awwissu 2022.

Qabel ma tinoltra ruħha ulterjorment f'din is-sentenza u l-konsiderazzjonijiet relattivi għal piena u eventwali kundanna ta' l-imputati, il-Qorti tħoss il-ħtieġa li tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward tan-natura u l-import tan-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali.

Huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li *meta … ir-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wieħed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti. Bħal fil-każ ta' l-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat*[79].

Il-Qorti qed tagħmel din l-osservazzjoni għar-raġuni li fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu: (a) l-Avukat Ġenerali naqas milli jindika wħud mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati flimkien kif ukoll fil-konfront ta' l-imputat Valdas Martinaitis waħdu; u (b) indika Artikoli tal-Liġi dwar reati iktar gravi minn dawk oriġinarjament imputati fir-rigward ta' l-imputat Valdas Martinaitis waħdu. Oltre dan, kif kellu kull dritt jagħmel, l-Avukat Ġenerali indika Artikoli tal-Liġi fil-konfront ta' l-imputat Valdas Martinaitis waħdu dwar reati inqas gravi minn dawk oriġinarjament imputati.

In kwantu rigwarda ż-**żewġ imputati flimkien**, għalkemm ġew imputati bis-segwenti imputazzjonijiet, ossia talli nhar it-23 ta' Mejju 2019, bejn 09:00hrs u 12:30hrs, ġewwa Blokka A5, Appartament 7, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke,

[79] Il-Pulizija v. Michael Carter, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001.

ikkommettew serq ta' flus kontanti u ġojjellerija u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Joanne O'Scanaill u/jew ta' xi persuni oħra[80]; talli nhar it-23 ta' Mejju 2019, bejn 09:00hrs u 12:30hrs, ġewwa Blokka A5, Appartament 3, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, bil-ħsieb li jwettqu delitt ta' serq, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħhom u li kieku seħħ kien ikun reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok għad-dannu ta' Anita D'Amato u/jew ta' xi persuna/i oħra[81]; u talli nhar it-23 ta' Mejju 2019, bejn 09:00hrs u 12:30hrs, ġewwa Blokka A5, Appartament 12, Triq Pietru D'Armenia, Pembroke, bil-ħsieb li jwettqu delitt ta' serq, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħhom u li kieku seħħ kien ikun reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok għad-dannu ta' Vanessa Camilleri Tonna u/jew ta' xi persuna/i oħra[82], dawn l-istess imputazzjonijiet ma humiex riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali.

Bl-istess mod għalkemm l-**imputat Valdas Martinaitis waħdu** ġie akkużat talli nhar it-30 ta' Marzu 2019, ġewwa appartament numru 2, Seashell Court, Triq l-Ixprunara, Triq il-Ġdida, Marsaxlokk, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, u li sar għad-dannu ta' Maria Andrea Gafà u/jew ta' xi persuna/i oħra[83]; ukoll talli f'dawn il-gżejjer biddel jew għamel xi tibdil f'passaport, karta ta' l-identità, jew permess ta' residenza jew uża jew kellu għandu passaport, karta ta' l-identità jew permess ta' residenza li huwa kien jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih[84]; Ukoll talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz[85]; ukoll talli għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor iffalsifikat[86]; u aktar talli ffalsifika xi dokument jew kopja ta' dokument jew reġistrazzjoni magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta[87], dawn ukoll ma humiex riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali.

Dan kollu jfisser li din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tar-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati flimkien u ma tistax tieħu konjizzjoni tat-tmien, id-disa', l-għaxar, il-ħdax u it-tnax il-imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat Valdas Martinaitis waħdu.

---

[80] Ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom flimkien.
[81] Il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom flimkien.
[82] Is-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom flimkien.
[83] It-tmien imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat Valdas Martinaitis waħdu.
[84] Id-disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat Valdas Martinaitis waħdu.
[85] L-għaxar imputazzjoni dedotta fil-konfront ta 'l-imputat Valdas Martinaitis waħdu.
[86] Il-ħdax il-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta 'l-imputat Valdas Martinaitis waħdu.
[87] It-tnax il-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta 'l-imputat Valdas Martinaitis waħdu.

Apparte minn hekk in kwantu rigwarda l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat **Valdas Martinaitis waħdu**, jiġi osservat li għad illi huwa oriġinarjament ġie akkużat talli fit-30 ta' Mejju 2019, għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija ġewwa appartament numru 1, fond numru 75, imsemmi Marie Court fi Triq il-Gummar, Birkirkara, u/jew ġewwa residenzi oħra fil-viċinanzi, bil-ħsieb li jwettaq delitt ta' serq wera dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu w li kieku seħħ kien ikun reat ta' serq aggravat bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu ta' Chantelle Polidano u/jew ta' xi persuni oħra, fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali talab lill-Qorti sabiex issib ħtija fl-imsemmi imputat għar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok ikkunsmat u mhux ta' l-attentat ta' tali reat. Dana evidentement l-Avukat Ġenerali ma setgħax jagħmlu u minkejja l-ammissjoni ta' l-imputat Valdas Martinaitis wara il-ħruġ tan-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali u l-qari ta' l-Artikoli hemm ċitati, il-Qorti tista' ssib ħtija fl-imsemmi imputat biss għar-reat ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu ta' Chantelle Polidano u/jew ta' xi persuni oħra.

In kwantu rigwarda dawk r-reati inqas gravi indikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu fir-rigward ta' l-imputat **Valdas Martinaitis waħdu** mir-reati oriġinarjament imputati lill-imsemmi imputat, il-Qorti għandha issib ħtija fl-imsemmi imputat għal tali reati inqas gravi u cioè għalkemm l-imputat Valdas Martinaitis waħdu ġie akkużat talli nhar it-22 ta' Frar 2019, ġewwa 35, Russel Flats, Flat 2, Triq Santa Rita, Birzebbugia, ikkommetta serq ta' flus kontanti u ġojjellerija w oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, li sar għad-dannu ta' Lynn Beverly Munro u Alexander George Munro u/jew ta' xi persuna/i oħra[88] u talli nhar il-21 ta' Frar 2019, ġewwa Maisonette number 2, Westgate Court, Triq F.M. Ferretti, Birzebbugia, ikkommetta serq ta' flus kontanti u oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, li sar għad-dannu ta' Antoinette Cauchi[89], din il-Qorti tista' ssib ħati biss ta' l-attentat ta' tali reati, hekk kif indikat mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk u fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputati, il-Qorti għandha ssib: lill-imputat Kakhaber Lomtadze ħati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u lill-imputat Valdas Martinais ħati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputat Kakhaber Lomtadze u ħati ta' l-ewwel, it-tieni, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, ħati ta' l-ħames imputazzjoni (dik oriġinali u mhux kif indikata fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju in kwantu l-Avukat Ġenerali indika reat iktar gravi minn dak imputat lil Valdas Martinaitis) u ħati ta' l-attenat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi €2,329.37, u bil-lok, li sar għad-dannu ta' Lynn Beverly Munro u Alexander George Munro u/jew ta' xi

[88] It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat Valdas Martinaitis waħdu.
[89] Ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat Valdas Martinaitis waħdu.

persuna/i oħra u li seħħ fit-22 ta' Frar 2019 ġewwa 35, Russel Flats, Flat 2, Triq Santa Rita, Birzebbugia u ħati ta' l-attenatat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi €2,329.37, u bil-lok, li sar għad-dannu ta' Antoinette Cauchi u li seħħ nhar il-21 ta' Frar 2019, ġewwa Maisonette number 2, Westgate Court, Triq F.M. Ferretti, Birzebbugia.

Mill-bqija jiġi ribadit li l-Qorti trid tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront taż-żewġ imputati flimkien u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tmien, id-disa', l-għaxar, il-ħdax u t-tnax il-imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat Valdas Martinaitis waħdu.

Għal finijiet ta' piena l-Qorti, apparte dak kollu già iktar 'l fuq osservat, ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputati u minnhom ammessi.

Jiġi osservat ukoll li in kwantu dan il-każ jinvolvi imputazzjoni dwar atti ta' *money laundering* ma hemmx dubju li l-Qorti għandha tipproċedi skond dak provdut fl-Artikolu 3(5) tal-Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdi li: *(a) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti għandha, b'żieda ma' kull piena li għaliha tista' tiġi kkundannata persuna misjuba ħatja ta' reat ta' money laundering taħt dan l-Att u b'żieda ma' kull piena li korp magħqud jista' jeħel taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), tordna t-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut mill-persuna misjuba ħatja jew mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi subartikolu (4) u kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja kif imsemmi qabel jew ta' korp magħqud kif imsemmi f'dan is-subartikolu għandha, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti wkoll jekk fil-każ ta' proprjetà immobbli dik il-proprjetà tkun, minn żmien meta l-ħati jkun ġie akkużat, għaddiet f'idejn terzi, kif ukoll jekk ir-rikavat ta' proprjetà, kemm mobbli kemm immobbli, ikun jinsabu f'xi post barra minn Malta: Iżda' għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, 'rikavat' tfisser xi vantaġġ ekonomiku u kull proprjetà li tiġi jew titnissel, sew b'mod dirett sew mhux dirett, minn xi attività kriminali u tinkludi kull qliegħ jew benefiċċju ieħor miksub minn dik il-proprjetà; (b) Meta r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun tberbaq jew għal xi raġuni oħra li tkun dak ir-rikavat ma jkunx jista' jiġi identifikat u konfiskat jew tiġi ordnata l-konfiska ta' proprjetà bħal dik li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-Qorti għandha twaħħal lill-persuna li tinsab ħatja jew lill-korp magħqud, jew lill-persuna li tinsab ħatja u lill-korp magħqud solidalment, skond il-każ, biex tħallas multa li tkun ekwivalenti għall-ammont tar-rikavat li jkun ġej mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tinġabar bħala dejn ċivili u għal dan il-għan is-sentenza tal-qorti għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. (ċ) Meta jiġi stabbilit li l-valur tal-proprjetà tal-persuna li tinsab ħatja ta' reat ta' money laundering taħt dan l-Att tkun sproporzjonata mal-qligħ tagħha leġittimu u l-qorti, wara li tinforma ruħha minn fatti speċifiċi, tkun għal kollox konvinta li l-proprjetà in kwistjoni tkun inkisbet mill-attività kriminali ta' dik il-persuna, il-proprjetà tkun tista' tiġi konfiskata.*

Apparte minnhekk, fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 3 ta' Awwissu 2022, l-Avukat Ġenerali ndika li f'dan il-każ il-Qorti għandha tapplika dak provdut fl-Artikoli 23A, 23B, 23Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fehma tal-Qorti dak provdut fl-Artikolu 23A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax għall-każ in eżami stante li l-Prosekuzzjoni ma talbitx għall-iffriżar tal-proprjetà ta' l-imputati, la taħt l-Artikolu 5 tal-Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas taħt l-imsemmi Artikolu 23A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jifdal għalhekk li jiġu kkunsidrati l-provvedimenti ta' l-Artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdu li: Artikolu 23B - *(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti għandha, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti u b'żieda ma' kull penali li jista' jeħel korp magħqud taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 121D, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut minn min ikun insab ħati sew jekk mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi artikolu 121D. (1A) Kull proprjetà, li tkun tinsab sew f'Malta sew barra minn Malta, li tkun tappartjeni lil, jew li tkin tinsab fil-pussess ta' jew taħt il-kontroll ta' xi persuna li tinsab ħatja ta' reat rilevanti jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi korp magħqud li jista' jkun responsabbli taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 121D għandha, kemm-il darba ma tinġiebx prova xort'oħra, titqies li tkun inkisbet mir-reat rilevanti u tkun tista' tiġi konfiskata mill-qorti. (1B) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 ta' l-Att* (ossia tal-Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta) *għandhom ikunu japplikaw mutatis mutandis b'dak il-mod illi kull referenza f'dak l-artikolu għal "l-artikolu 3(3)" għandha tiftiehem bħala referenza għas-subartikolu (1A) ta' dan l-artikolu u kull referenza fl-imsemmi artikolu 7 għal "ksur tal-artikolu 3" għandha tiftiehem bħala referenza għal reat rilevanti. (2) Meta r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-qorti għandha tagħti sentenza fejn min ikun insab ħati jew tali korp magħqud, jew kemm min ikun insab ħati kemm il-korp magħqud solidalment, skond il-każ, jeħel multa li tkun tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. (3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu: "proprjetà" tfisser assi ta' kull tip, kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli, mobbli kif ukoll immobbli, irrispettivament minn kif jinkisbu, u dokumenti jew strumenti legali ta' kwalunke forma fosthom elettroniċi jew diġitali, li jkunu xhieda ta' dritt għal assi ta' dan it-tip jew interess fihom, inkluż, iżda mhux limitati għal, krediti bankarji, ċekkijiet tal-vjaġġaturi, ċekkijiet bankarji, ordnijiet ta' flus, ishma, titoli, bonds, drafts u ittri ta' kreditu; "reat rilevanti u "l-Att" għandhom l-istess tifsir mogħti lilhom bl-artikolu 23A(1); "rikavat" tfisser kull vantaġġ ekonomiku u kull proprjetà ġejja jew miksuba b'mod dirett jew mhux dirett, mill-għemil tar-reat u tinkludi kull qliegħ jew benefiċċju ieħor miksub minn dik il-proprjetà fi jew li magħhom dan ir-rikavat ikun trasformat, konvertit jew amalgamat u kwalunkwe investiment mill-ġdid sussegwenti jew it-trasformazzjoni tar-rikavat dirett: Iżda dik il-proprjetà li tkun ġiet trasformata jew konvertita, għal kollox jew parti minnha, fi proprjetà oħra, u l-proprjetà li tkun ġiet amalgamata mal-proprjetà akkwistata minn sorsi leġittimi, sal-valur valutat tal-qligħ amalgamat, għandha tiġi inkluża fi ħdan din it-tifsira.* Artikolu 23Ċ - *Meta jiġi stabbilit li l-valur tal-proprjetà tal-persuna li*

*tinsab ħatja ta' reat rilevanti tkun sproporzjonata mal-qligħ tagħha leġittimu u l-qorti tista' raġonevolment tippreżumi li jkun sostanzjalment aktar probabbli, li l-proprjetà in kwistjoni tkun inkisbet mill-attività kriminali ta' dik il-persuna u mhux minn attivitajiet oħra, il-proprjetà tkun tista' tiġi konfiskata. (2) Meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat rilevanti u b'konsegwenza ta' dan xi flejjes jew proprjetà mobbli oħra jew xi proprjetà immobbli tkun tista' tiġi konfiskata, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 22(3A)(b)(d) u (7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu japplikaw mutatis mutandis fiċ-ċirkostanzi imsemmija f'dawk il-paragrafi. (3) Meta persuna tiġi mixlija jew akkużata b'reat rilevanti li jista' jagħti lok, direttament jew indirettament, għal benefiċċju ekonomiku, u l-proċeduri ma jkunux jistgħu jitkomplu minħabba mard jew minħabba li l-istess persuna tkun ħarbet, u l-qorti fuq bażi ta' fatti speċifiċi tkun konvinta bis-sħiħ li dawn il-proċeduri setgħu wasslu għall-kundanna tal-persuna mixlika jew akkużata jekk il-persuna tkun dehret quddiem il-qorti jew għaddiet ġuri, il-qorti tista' tordna l-konfiska tal-istrumentalitajiet u r-rikavat tal-imsemmi reat: Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "mard" tfisser meta l-persuna mixlija jew akkużata ma tkun tista' tattendi l-proċeduri kriminali għall-perijodu estiż, li bħala riżultat il-proċeduri ma jkunux jistgħu jkomplu taħt ċirkostanzi normali. (4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) il-Qorti għandha, b'żjieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha jew f'kwalunkwe żmien wara dan, tordna t-teħid tar-rikavat kollu jew proprjetà oħra li l-valur tagħhom jikkorrispondi għar-rikavat, liema, direttament jew indirettament, ġew trasferiti minn persuna suspettata jew akkużata lil terza persuna, jew li ġew akkwistati minn parti terza minn persuna suspettata jew akkużata, meta t-terza persuna tkun taf jew kellha tkun taf li l-iskop tat-trasferiment jew l-akkwist kien sabiex tiġi evitata l-konfiska. (5) Xejn ma għandu jipprekludi l-iskoperta u t-traċċar ta' proprjetà kif provdut taħt dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra, sabiex tiġi ffriżata jew ikkonfiskata wara l-kundanna finali għal reat jew wara li jkunu saru l-proċedimenti skond is-subartikolu (3), u sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni ta' l-ordni tal-konfiska, meta ordni għal din tkun diġà nħarġet. (6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu: "reat rilevanti" tfisser kull reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien iktar minn sena. "proprjetà" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 23B(3).*

Fil-każ in eżami, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, senjatament mix-xhieda ta' Paul Vassallo, in rappreżentanza ta' Fexserv Financial Services, mogħtija waqt is-seduti tat-3 ta' Ottubru 2019[90], tal-21 ta' Novembru 2019[91] u tat-18 ta' Settembru 2020[92] u mid-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "PV" u Dok. "PV1" a fol. 294 sa' 300 tal-proċess u Dok. "PV1" sa' Dok. "PV12" a fol. 392 sa' 403 tal-proċess, iema liema xhieda u provi dokumentarji ma ġew bl-ebda mod kontradetti jew kontestati mill-imputat, jirriżulta li fir-rigward ta' l-imputat Kakhaber Lomtadze r-rikavat mir-reati addebitati lilu u minnu ammessi jammonta għal **€2,100**.

In kwantu rigwarda l-imputat Valdas Martinaitis, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, senjatament mix-xhieda ta' Paul Vassallo, in rappreżentanza ta'

[90] Fol. 292 u 293 tal-proċess.
[91] Fol. 390 u 391 tal-proċess.
[92] Fol.. 700 sa' 703 tal-proċess.

Fexserv Financial Services, mogħtija waqt is-seduti tat-3 ta' Ottubru 2019[93], tal-21 ta' Novembru 2019[94] u tat-18 ta' Settembru 2020[95] u mid-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "PV" u Dok. "PV1" a fol. 294 sa' 300 tal-proċess u Dok. "PV1" sa' Dok. "PV12" a fol. 392 sa' 403 tal-proċess, mix-xhieda ta' Joseph Pace mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Ġunju 2019[96], mix-xhieda ta' Denise Grange[97] u ta' Caroline Gafà [98]mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Awwissu 2019, mix-xhieda ta' Gordon Camilleri mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2020[99] u mid-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GS" sa' Dok. "GS4" a fol. 650 sa' 665 tal-proċess, mix-xhieda ta' Warren Giordano mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2020[100] u x-xhieda ta' Paula Borg[101] u ta' Graziella Mintoff[102], entrambe in rappreżentanza ta' Franks Stores, u mix-xhieda ta' Raymond Debono[103], in rappreżentanza ta' Jos. Debono Jewellers, ilkoll mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Jannar 2021, liema xhieda u provi dokumentarji ma ġew bl-ebda mod kontradetti jew kontestati mill-imsemmi imputat, jirriżulta li ir-rikavat mir-reati addebitati lilu u minnu ammessi, jammonta għal **€42,831.69**.

Madanakollu però mill-atti proċesswali tali rikavat, sia in kwantu rigwarda l-imputat Kakhaber Lomtadze kif ukoll in kwantu rigwarda l-imputat Valdas Martinaitis, ma jistax jiġi identifikat u b'hekk konfiskat u lanqas, dejjem minn dak li jirriżulta mill-atti proċesswali, ma tista' tiġi ordnata l-konfiska ta' xi proprjetà li l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' tali rikavat, konsegwentement għalhekk ai termini ta' l-Artikolu 3(5)(b) tal-Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini ta' l-Artikolu 23B(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tista' tgħaddi biex timponi fuq l-imputati multa ekwivalenti għall-ammont tar-rikavat relattiv għar-reati mwettqa minn kull wieħed minnhom u minn rispettivament ammessi.

Għaldaqstant, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront taż-żewġ imputati flimkien u tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni tat-tmien, id-disa', l-għaxar, il-ħdax u t-tnax il-pimputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat Valdas Martinaitis waħdu, wara li rat u kkunsidrat:

- L-Artikoli 17(h), 18, 20, 31, 41(1)(a), 42, 83A(1)(b), 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 264, 265, 267, 269(g), 270, 278(1)(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 2(1)(2)(b) u 3(2A)(a)(ii)(ċ) tal-Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Kakhaber Lomtadze** ħati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, u dana anke fid-dawl ta' l-ammissjoni tiegħu għal tali imputazzjonijiet, u tikkundannah għall-perijodu ta' erba' (4) snin priġunerija effettiva.

[93] Fol. 292 u 293 tal-proċess.
[94] Fol. 390 u 391 tal-proċess.
[95] Fol.. 700 sa' 703 tal-proċess.
[96] Fol. 162 sa' 164 tal-proċess.
[97] Fol. 271 sa' 273 tal-proċess.
[98] Fol. 278 u 279 tal-proċess.
[99] Fol. 642 sa' 649 tal-proċess.
[100] Fol. 770 u 771 tal-proċess.
[101] Fol. 778 sa' 780 tal-proċess.
[102] Fol. 781 u 782 tal-proċess.
[103] Fol. 783 sa' 785 tal-proċess.

Mit-terminu ta' priġunerija hawn impost fuq l-imputat **Kakhaber Lomtadze**, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri.

- L-Artikoli 17(h), 18, 20, 31, 41(1)(a), 42, 83A(1)(b), 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 264, 265, 267, 269(g), 270, 278(1)(3), 279(b) u 280(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 2(1)(2)(b) u 3(2A)(a)(ii)(ċ) tal-Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Valdas Martinaitis** ħati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu flimkien ma' l-imputat Kakhaber Lomtadze, ħati ta' l-ewwel, it-tieni, il-ħames, is-sitt u is-seba' imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu waħdu **u** ħati tat-tielet u raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu waħdu **iżda** dawna limitatament għar-reati ta' attentat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi s-somma ta' €2,329.37 u bil-lok, u dana anke fid-dawl ta' l-ammissjoni tiegħu għal tali imputazzjonijiet, u ttikkundannah għall-perijodu ta' erba' (4) snin priġunerija effettiva.

  Mit-terminu ta' priġunerija hawn impost fuq l-imputat **Valdas Martinaitis**, għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 3(5)(b) tal-Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini ta' l-Artikolu 23B(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna:

- Lill-imputat **Kakhaber Lomdatze** għall-multa ta' **€2,100** ekwivalenti għar-rikavat mir-reati addebitati lilu u minnu ammessi; u
- Lill-imputat **Valdas Martinaitis** għall-multa ta' **€42,831.69** ekwivalenti għar-rikavat mir-reati addebitati lilu u minnu ammessi.

Fil-każ ta' kull waħda minn dawn il-multi hekk imposti fuq kull wieħed mill-imputati, dawn jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili fil-konfront ta' kull wieħed minnhom u din is-sentenza tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 24 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat **Valdas Martinaitis** iħallas is-segwenti kumpens lil Joseph Pace, Denise Grange, Caroline Gafà u Gordon Camilleri għat-telfien minnhom subit b'konsegwenza tas-serqiet minnu imwettqa a dannu tagħhom:

- Joseph Pace l-kumpens ta' **€2,431.75**;
- Denise Grange l-kumpens ta' **€10,000**;
- Caroline Gafà l-kumpens ta' **€700**; u
- Gordon Camilleri l-kumpens ta' **€25,926.94**.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputati għas-segwenti ħlas ta' spejjeż:

Lill-**imputat Kakhaber Lomtadze** għall-ħlas tas-somma ta' **€605.31** [104] rappreżentanti nofs l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' Keith Cutajar bħala Espert Tekniku għall-fini ta' analiżi u extraction kif ukoll localisation u call profiles tal-mobile phones markati bħala Dok. "SP4" u għall-ħruġ ta' stills minn CCTV footage markati Dok. "SP10", Dok. "SP11" u Dok. "SP12";

Lill-**imputat Valdas Martinaitis** għall-ħlas:

- Tas-somma ta' **€605.31**[105] rappreżentanti nofs l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' Keith Cutajar bħala Espert Tekniku għall-fini ta' analiżi u extraction kif ukoll localisation u call profiles tal-mobile phones markati bħala Dok. "SP4" u għall-ħruġ ta' stills minn CCTV footage markati Dok. "SP10", Dok. "SP11" u Dok. "SP12";
- Tas-somma komplessiva ta' **€1,297.95** rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' Esperti fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nru. 624/19 a fol. 248 tal-proċess;
- Tas-somma komplessiva ta' **€1,225.93** rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' Esperti fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nru. 394/19 a fol. 249 tal-proċess; u
- Tas-somma ta' **€615.49** rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' l-Espert Legali Dr. Richard Sladden fl-Inkjesta bil-Procès-Verbal Nru. 646/19 a fol. 250 tal-proċess.

Ai termini ta' l-Artikolu 543AD tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputati jiddikjaraw li jeħtieġu traduzzjoni bil-miktub tas-sentenza. Għal tali fini, il-Qorti tinnomina lil Emma Parnis sabiex tagħmel tali traduzzjoni.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[104] Fol. 972 tal-proċess. Total spejjeż €1,210.62.
[105] Fol. 972 tal-proċess. Total spejjeż €1,210.62.